# DEHEN LIS-SEKLU 21



Kien qiegħed joqrob iż-żmien lejn il-qalba tas-seklu, meta kulħadd beda jitkellem u jgħid x'festi sejrin isiru, u min se jorganizza ħaġa, u min se jorganizza elf ħaġa oħra. L-Għaqda Filarmonika tagħna għalhekk, ma qagħditx lura milli tesprimi ruħha wkoll, u bdiet ix-xogħol tagħha għal dan il-għan meta wieħed iqis ukoll li s-sena 1999 kienet taħbat l-għaxar anniversarju minn meta jien inħtart uffiċċjalment bħala s-surmast direttur ta' l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu.

Għall-ewwel kien maħsub li nagħmlu programm kbir lejn l-aħħar tas-sena, iżda, minħabba l-impenji li kelli ipprogrammati, minn naħa uffiċċjali tal-gvern, kellna mmorru għall-Ħadd 20 ta' Frar 2000. Kien intlaħaq ftehim li kemm jista' jkun insibu post addattat fl-akwati tagħna biex dan il-programm ikun ta' rigal għall-poplu tagħna.., għalhekk ingħażlet is-sala tal-kulleġġ De La Salle fil-Birgu stess.

Kif wieħed jista' jinnota, is-seklu kien qaleb u miegħu ridna nagħmlu l-qalba mużikali tagħna wkoll. Ma ridniex li nibqgħu ndoqqu affarijiet tradizzjonali biss, dawk li għal snin twal, dejjem u kullimkien instemgħu iżjed miż-żejjed. Wara bosta diskussjonijiet ħriġna bi programm Vokali u Strumentali li għamel dehen lis-seklu 21.

Ma jistax jonqos li banda b'rabtiet Brittaniċi bħal tagħna ma tibdiex kunċert bħal dan b'xi kompożizzjoni Ingliża bħala l-ewwel xogħol tagħha. Dan kien il-famuż *London Suite* ta' Eric Coates (1886 - 1957) li fiha tliet taqsimiet, *Covent Garden, Westminster, u Knightsbridge.* Din il-kompożizzjoni tirrikjedi maturità mużikali fl-istil delikat tagħha, li jafu jiktbu bih kompożituri Brittaniċi.

It-tieni xogħol li ġie esegwit huwa t-tieni moviment mill-ħames sinfonija ta' Peter Illich Tchaikovsky (1840 - 1893). Dan il-moviment ta' din il-kapolavur jibda bis-solo meraviljuż tal-kornu, ndaqq bl-aktar mod adekwat u solenni.

Għal min hu dilettant sew tal-films żgur li tpaxxa jisma' selezzjoni grandjuża minn wieħed mill-aqwa films bil-mużika ta' John Williams, *Star Wars*: għalkemm ħafna min-nies min jaf kemm rawh fiċ-ċinema, żgur li l-mużika tiegħu mhix mużika li tindaqq ta' spiss, minħabba diffikultajiet tal-ħsejjes li tirrikjedi din il-kompożizzjoni.

L-ewwel parti ingħalqet b'selezzjoni mill-opra. L-għażla mill-ewwel waqgħet fuq il-mużika ta' Guzeppe Verdi (1813 - 1901), u l-opra La Traviata.., għażla stupenda, u għal din il-famuża selezzjoni ingħaqdu mal-banda, s-sopran Joan Mangion, it-tenur Lino S. Gatt u l-baritonu Joe Fenech.

Kien imiss lili issa li nagħti rigal lill-Għaqda tagħna.. billi bosta kienu talbuni biex f'dan il-programm hekk kbir, indoqq xi ħaġa jiena bil-kornu, l-istrument li għamilni bniedem professjonali.

It-tieni parti bdiet bit-tielet moviment tal-kunċert tal-kornu Nr. 3 li jirrappreżenta l-Kornu da Caccia ta' Wolfgang Amadeus Mozart (1756 -1791), xogħol li hu meqjus u li jirrikjedi ċerta kapaċita' fit-teknika ta' dan l-istrument. Għal din is-silta, l-banda kienet immexxija mis-Surmast Onorarju tagħha, Mro. Carmelo Caruana. Din is-silta wkoll kienet iddedikata lill-ex President Onorarju Vincent Caruana li ħalliena nhar l-4 ta' Frar 2000.

Kien imiss issa x-xogħol ta' Camille Saint-Saens (1835 - 1921), il-Bacchanale mill-opra grandjuża Samson & Delilah li ġabet lil dan il-kompożitur l-ogħla suċċess tiegħu u li permezz tiegħu ma tintesa qatt mid-dilettanti ta' l-opra. Ix-xogħol li ġie esegwit b'dixxiplina u ġentilezza kbira. Dan ix-xogħol ġie ammirat minn kull min kien preżenti fis-sala.

Ix-xogħol prinċipali ta' dan il-kunċert u li kien tant mistenni mid-dilettanti kollha li attendew bi ħġarhom għal dan il-kunċert bla dubju ta' xejn kienet il-kompożizzjoni ġganteska tal-

kompożitur Ingliż Guztav Holst (1874 - 1934), *The Planets* (Mars u Jupiter), kompożizzjoni li teħtieġ dixxiplina fil-kuntrast tal-ħsejjes, tempi, u maturità mużikali li tirrikjedi l-mużika tas-seklu 20. Kien għalhekk li l-Banda Prince of Wales Own tal-Birgu għażlet din il-kompożizzjoni, minħabba il-versatilità ta' din il-banda li f'kull programm li qed jiġi esegwit minn din l-istess banda dejjem qiegħda tiġbed għadd ta' ammiraturi. Mhux ta' b'xejn li daħlet fuq nett fil-paġna ta' l-aqwa interpretazzjonijiet ta' kompożizzjonijiet kbar u ta' kwalità, li mhux kull banda kwalunkwe tista' tasal biex tesegwixxi.

Wieħed jista' jinnota kemm kellna programm mhux tas-soltu, programm li ried ċerta enerġija, kunċerti kontinwi u dedikazzjoni perfetta. Kienu ħafna, dawk in-nies prominenti li ferħu lili personalment kif ukoll lill-Għaqda tagħna, iżda l-aktar kumment li bqajt ngħożż huwa taL-Professur Stephen Maw, professur tal-mużika tal-kulleġġ Trinity ta' Londra, u anke direttur tal-baned. Inzerta li kien qiegħed hawn Malta biex jagħti xi taħriġ. Il-Professur Stephen Maw, baqa' skantat bil-livell li għandha l-Banda Prince of Wales Own, fejn, barra li feraħ lili personalment għat-tmexxija u fl-għażla tal-mużika, tani wkoll dan il-kumment, 'X'livell għoli kellu dan il-kunċert. Il-veru kien kunċert li jagħmel dehen lis-seklu 21'.

**Mro. Emanuel Spagnol LLCM, FLCM (Hons.)**
**Surmast Direttur**

A. D. 1891

## Għaqda Filarmonika
# Prince of Wales Own

**Triq il-Mina l-Kbira**
**Il-Birgu**
**Tel: 661300 Fax: 807040**
**E-mail: F14@mail.global.net.mt**

## Applikazzjoni għad-dħul ta' Allievi ġodda

Isem l-Alliev:..............................................................

Indirizz:..............................................................

.............................................. Kodiċi Postali: ....................

Numru tat-Teleforn: ..............................................

Data tat-twelid: ..............................................

Isem il-Missier: ........................... Isem l-Omm: ....................

Firma tal-Missier:........................... Firma ta' l-Omm: ....................

I.D. tal-Missier: ........................... I.D. ta' l-Omm: ....................

Strument li jixtieq:..............................................

Kull min huwa nteressat għandu jimla din il-formola u jeħoda u jagħtiha lil xi Membru tal-Kumitat jew jibgħata bil-posta u jindirizza lis-Segretarju fl-indirizz ta' hawn fuq.